MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 399/2006

Mohammed Hajiri (KI 8838A).

Vs

Angel u Karen konjugi Attard.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob illi l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh l-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti bilanc dovut lilu fuq xoghol ta' kisi ezegwit f'diversi garaxxijiet fi Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, Haz-Zabbar, liema ammont baqa' ma thallasx mill-konvenuti, ghalkemm interpellati gudizzjarjament. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' Frar 2006, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi (i) preliminarjament il-konvenuta Karen Attard mhix il-legittima kontradittrici u ghandha tigi liberata mill-

osservanza tal-gudizzju; (ii) illi preliminarjament ukoll it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16; (iii) illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li l-konvenuti m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur ghaliex i. huwa qatt ma kkompleta l-appalt lilu moghti, u ii. tax-xoghol li ghamel thallas, u iii. Ix-xoghol minnu ezegwit ma sarx skond is-sengha u l-arti u l-konvenuti inkorrew spejjes estensivi biex jinkarigaw terzi persuni halli jirrimedjaw ix-xoghol hazin li gie ezegwit mill-attur; (iv) illi l-atturi ghalhekk qed jipprevalixxu ruhhom minn din il-procedura biex iressqu l-kontro talba taghhom; (v) illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjes.

Ra l-kontro talba tal-konvenuti rikonvenzjonati li ppremettew illi (i) il-konvenut rikonvenzjonant Angel Attard kien ta kuntratt ta' sub-appalt lill-attur rikonvenzjonat Mohammed Hajiri ghall-kisi u tibjid ta' garages u partijiet komuni ta' garage complex fil-Fgura; (ii) illi l-attur rikonvenzjonat ma kkompletax is-sub-appalt lilu moghti u x-xoghol minnu ezegwit ma sarx skond is-sengha tant illi l-konvenut rikonvenzjonant sofra danni estensivi konsistenti fi spejjes kbar minnu inkorsi sabiex jirrimedja x-xoghol hazin ezegwit mill-attur rikonvenzjonat; (iii) illi di piu l-attur rikonvenzjonat approprja indebitament ghalih innifsu diversi oggetti illi l-konvenut rikonvenzjonant kien ghaddielu ghall-finijiet tal-ezekuzzjoni tas-sub-appalt, fosthom searchlight, zewg strippi tal-hadid, driller li thawwad it-tajn u 20 xkora finitura, oltre li seraq ukoll diesel ghad-dannu tal-konvenut rikonvenzjonant minn go site ohra fil-Mosta; (iv) illi d-danni komplessivi sofferti mill-konvenut rikkonvenzjonant u li ghalihom huwa responsabbli l-attur rikonvenzjonat jammontaw ghas-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), u ghalhekk talbu li jghid l-attur rikonvenzjonat ghaliex m'ghandhux dan it-Tribunal, jikkundanna l-attur rikonvenzjonat biex ihallas lill-konvenuti s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) in linea ta' danni ghar-ragunijiet premessi, bl-ispejjes kollha u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tal-attur rikonvenzjonat ghall-kontro talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti, li bih ecepixxa illi l-kontro talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li m'huwiex minnu li huwa ma kkompletax is-sub-appalt lilu moghti. In oltre ma huwiex minnu li huwa approprja ghalih oggetti kif allegat mill-konvenuti rikonvenzjonanti u li l-istess konvenut ma sofra l-ebda danni kif allegat minnu. Bl-ispejjes kontra l-konvenuti rikonvenzjonanti.

Sema' x-xhieda ta' l-attur Mohammed Hajiri.

Sema' x-xhieda ta' Tawfik Al Hemxi prodott mill-attur.

Sema' x-xhieda ta' Simon Azzopardi prodott mill-attur.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Angel Attard.

Sema' x-xhieda ta' Saviour Clinch prodott mill-konvenut.

Sema' x-xhieda ta' Carmel Galea prodott mill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew ipprezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi l-versjonijiet tal-fatti tal-partijiet huma s-segwenti:-

Skond l-attur huwa kien tqabbad mill-konvenut Angel Attard sabiex jaghmel xoghol ta' kisi bir-ramel u siment gewwa 52 garaxx go Haz-Zabbar. Sabiex hareg il-kont tieghu, l-attur kien qabbad draughtsman li jismu Simon Azzopardi biex jiehu l-kejl u johrog il-kont ghax-xoghol ezegwit mill-attur. L-attur spjega li l-ammont globali dovut lilu ghax-xoghol minnu ezegwit kien jammonta ghal Lm2333.89, (u dan dejjem skond il-kejl u l-kont mahrug minn Azzopardi) li minnu l-konvenut kien hallsu biss l-ammont ta' Lm800 akkont. Peress illi l-bilanc ta' l-ammont dovut baqa ma thallas qatt lill-attur, kellha ssir din il-kawza.

L-attur jinsisti li huwa qatt ma gie inkarigat sabiex jaghmel ukoll xoghol ta’ gibs jew finitura, u li meta l-konvenut kien qallu biex jaghmel dan ix-xoghol, l-attur kien talbu li l-ewwel isir il-hlas tax-xoghol ta’ kisi bir-ramel u siment, u mbaghad se mai seta’ jsir xi xoghol iehor.

L-attur spjega wkoll li l-allegazzjonijiet tal-konvenut li kien hemm xi ghodda u oggetti ohra li nsterqu minnu, huma infondati u spjega li d-drill kien inharaq waqt li kien qieghed jahdem fuq il-garaxxijiet u ttiehed ghat-tiswija mill-konvenut stess, u li l-oggetti l-ohra ma nsterqux minnu.

Waqt li xehed in kontro ezami, l-attur qal ukoll li hu u l-konvenut kienu ftehmu fuq rata ta’ 75 centezmu l-metru kwadru, u li dan kien ghax-xoghol biss u kien jeskludi l-materjal li kellu jigi supplit mill-konvenut. Ir-rata kienet ghal passata wahda biss ta’ ramel u siment u ma kenitx tinkludi finitura. Huwa xehed ukoll li qatt ma kien hemm ftehim dwar ix-xoghol ta’ finitura u li lanqas kien hemm xi ftehim dwar il-prezz ghal dan ix-xoghol.

Ix-xhud Tawfik Al Hemxi prodott mill-attur, xehed illi huwa kien jahdem bi shab mal-attur u fil-fatt kienu hadmu fuq il-garaxxijiet in kwistjoni flimkien. Huwa kkonferma li kien sar ix-xoghol ta’ kisi bir-ramel u siment f’dawn il-garaxxijiet, u li huma kienu qabbdu xi lavranti sabiex jahdmu maghhom liema lavranti huma kellhom ihallsu tax-xoghol li ghamlu. L-istess xhud konferma li l-konvenut kien ghamel xi hlas akkont izda fadallu jhallas l-ammont ta’ Lm1,500 li ghadu pendenti.

Illi x-xhud Simon Azzopardi li gie prodott mill-attur xehed li xogholu huwa dak ta’ ‘quantity surveyor’. Huwa spjega li fl-20 ta’ April tas-sena 2005, kien gie mqabbad mill-attur sabiex ikejjel ix-xoghol ta’ kisi bir-ramel u siment illi kien sar mill-istess attur fil-garaxxijiet in kwistjoni. Ix-xhud ikkonferma li huwa kien acceda fuq il-post u ha l-kejl kollu tax-xoghol li kien sar, u mbaghad hejja r-rapport tieghu fejn ikkalkola li l-ammont dovut lill-attur ghax-xoghol minnu ezegwit kien dak ta’ Lm2333.89.

Skond l-istess xhud, waqt li kien qed jiehu l-kejl il-konvenut kien prezenti, u r-rati ghax-xoghol ta’ kisi kienu gew diskussi mal-istess konvenut u kienu anki gew accettati minnu.  Oltre dan ix-xhud ikkonferma li xogholu huwa mhux biss li jkejjel izda anki li johrog il-kontijiet. Huwa kkonferma li hareg il-kont in kwistjoni biss fuq ix-xoghol li kien effettivament sar.

Illi minn-naha tieghu l-konvenut xehed illi huwa kien inghata kuntratt sabiex ilesti x-xoghol ta’ tikhil u tibjid fi blokka appartamenti gewwa Haz-Zabbar proprjeta’ ta’ certu Mario Grixti.  Din il-blokka kienet tikkonsisti f’hamsin appartament u l-garaxxijiet taghhom flimkien mal-common areas.   Hu spjega li kien qabbad lill-attur sabiex jaghmel ix-xoghol ta’ kisi gewwa l-garaxxijiet.  Skond hu kien hemm ftehim illi r-rata ghal dan ix-xoghol kellha tkun ta’ 80 centezmu l-metru kwadru u kienet tinkludi zewg passati ramel u siment u anki finitura, izda kienet teskludi l-materjal li kellu jigi supplit mill-konvenut stess.

Skond hu l-attur kien l-ewwel lesta l-garaxxijiet b’passata wahda ramel u siment u meta beda jinsisti li ssir il-finitura l-attur kien irrifjuta li jaghmel dan u telaq mill-lant tax-xoghol sabiex imur jahdem gewwa appartament fl-istess blokka.  Il-konvenut stess xehed ukoll li nqala dizgwid bejn il-partijiet peress li l-attur kien qieghed isostni li qatt ma kien hemm ftehim dwar il-finitura.

Il-konvenut xehed li fl-istadju meta l-attur telaq mill-post tax-xoghol, huwa kien kwazi lahaq lesta l-garaxxijiet kollha bir-ramel u s-siment pero l-finitura ma kienx bdiha mkien. Skond hu x-xoghol ma sarx sew f’certi postijiet u kellu jerga jsir mill-gdid f’xi postijiet.

Hu xehed illi wara li telaq l-attur, kellu jdahhal xi lavranti sabiex ilestu x-xoghol li ma kienx spicca l-attur, u anki sabiex jirrangaw l-istess xoghol fejn kellu bzonn isir mill-gdid.  Dawn kienu lestew ix-xoghol bil-finitura b’kollox.  Il-konvenut spejga wkoll li kien wehel penali talli ma kienx lesta x-xoghol tieghu fil-hin miftiehem ma Grixti, liema penali kien jammonta ghal Lm1000.

Skond l-istess konvenut, wara li telaq l-attur huwa kien sab xi ghodda u prodotti neqsin u li dawn kienu ttiehdu mill-attur abbuzivament.

Il-konvenut ipproduca bhala xhud tieghu lill-certu Saviour Clinch li huwa lavrant li jahdem mieghu u xogholu huwa dak ta' bajjad. Skond dan ix-xhud huwa kien jaghmel il-konsenji tal-materjal lill-attur sabiex ikun jista' jahdem. Apparti dan, huwa kien qieghed jahdem fuq il-faccata tal-blokk appartamenti in kwistjoni. Skond hu l-attur kellu jaghmel ukoll il-finitura izda dan m'ghamlux. Huwa kien jisma l-konvenut jghid lill-attur li kellha ssir il-finitura, u kien jisma l-attur jirrispondi li din kellha ssir fl-ahhar.

Fl-ahharnett il-konvenut ipproduca wkoll bhala xhud lill-Carmel Galea, u cioe l-kuntrattur li ghadda x-xoghol ta' kisi u tibjid lill-konvenut fil-blokk appartamenti in kwistjoni. Dan ix-xhud qal li x-xoghol ta' kisi u tibjid ma kienx sar tajjeb u kellu jigi rrangat u ghalhekk ma kienx hallas lill-konvenut ta' xogholu.

Illi tenut in konsiderazzjoni dan kollu, t-Tribunal ghandu s-segwenti osservazzonijiet x'jaghmel:-

Fl-ewwel lok, fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti, ma ngabu assolutament l-ebda provi f'dan ir-rigward mill-partijiet u lanqas ma saru xi sottomissjonijiet f'dan is-sens, u ghalhekk tali eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi l-istess jinghad dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Illi fil-mertu, kemm dwar it-talba attrici kif ukoll dwar il-kontro talba tal-konvenuti, t-Tribunal jidhirlu li l-versjoni tal-attur hija wahda semplici, verosimili u konsistenti ghall-ahhar, fis-sens illi huwa kien ghamel xoghol ta' kisi bir-ramel u siment fi tnejn u hamsin garaxx u l-common areas tal-istess, u wara li lesta kien gab 'quantity surveyor' sabiex ikejjel bl-ezatt u johrog il-kont ghax-xoghol minnu

ezegwit. Peress illi l-konvenut hallas biss ammont akkont tal-istess kont, kellha ssir din il-kawza ghall-hlas tal-bilanc.

Din il-versjoni hija korroborata mix-xhieda ta' Simon Azzopardi, l-quantity surveyor li xehed li kien ha l-kejl tax-xoghol li sar biss, u uza r-rata miftiehma bejn il-partijiet fil-prezenza tal-konvenut stess, u mbaghad hareg kont ghax-xoghol ta' passata wahda biss ramel u siment u xejn izjed. It-Tribunal jidhirlu li ghandu jaghti importanza konsiderevoli lil dan ix-xhud ghaliex wara kollox huwa pproduca rapport tieghu li hija l-unika prova dokumentarja prodotta f'din il-kawza li del resto qatt ma gie kontradett.

Minn-naha tieghu, l-konvenut ukoll jammetti li x-xoghol ta' kisi bi passata wahda ramel u siment fil-fatt sar mill-attur, u ghalhekk anki hawn il-versjoni tal-attur qed tigi konfermata.

It-Tribunal ma jidhirlux li gie b'xi mod ippruvat li l-appalt moghti lill-attur kien izjed minn dak li ghamel l-attur, u ma giex ippruvat li l-attur ma kompletax l-appalt moghti lilu. Apparti dan, l-attur qed jitlob biss il-hlas tax-xoghol li ghamel u ezegwixxa u xejn izjed minn hekk.

Oltre dan it-Tribunal josserva li l-kontro talba tal-konvenut ghall-hlas ta' danni fl-ammont identiku bhal dak li qed jitlob l-attur permezz ta' din il-kawza m'hi xejn plawsibbli. Apparti dan, il-konvenut ma gab assolutament l-ebda prova konkreta dwar kif wasal ghal dan l-ammont meta gie biex jillikwida d-danni allegatament sofferti minnu.

Kien jinkombi fuq il-konvenut li jgib prova konkreta dwar l-elf lira Maltin li huwa allegatament hallas lill-Mario Grixti – dan seta' sar kemm bi provi dokumentarji, jew minimament billi jittella jixhed Mario Grixti sabiex jikkonferma dan il-fatt. Di piu ma giex ippruvat li l-konvenut wehel dan il-penali minhabba xi agir jew xi nuqqas da parti tal-attur, u ghalhekk din l-allegazzjoni tal-konvenut ma tistax tigi accettata.

Illi mbaghad, saru biss allegazzjonijiet da parti tal-konvenut dwar xi serq li sar mill-attur ta' xi ghodda u

materjal.  Ma ngabu assolutament l-ebda provi konkreti li dawn l-ghodda u materjal ittiehdu mill-attur – li wara kollox cahad dan kategorikment.  Di piu, lanqas ma ngabu xi provi dwar il-valur ta' dawn l-ghodda u materjal.

Illi fl-oppinjoni tat-Tribunal, it-talba attrici giet ippruvata skond kif titlob il-ligi u ghalhekk ghandha tigi milqugha, filwaqt illi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom.  L-istess ma jistax jinghad dwar il-kontro talba tal-konvenuti li bl-ebda mod ma giet ippruvata fil-grad li titlob il-ligi u ghalhekk din ghandha tigi michuda fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi:

1. Jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti ghat-talba attrici.
2. Jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' tlett elef, erba mija u erba u disghin ewro u sitt centezmi (€3494.06) ekwivalenti ghal elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) kif mitluba fl-Avviz, bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.
3. Tilqa l-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro talba tal-konvenuti.
4. Tichad il-kontro talba tal-konvenuti fl-intier taghha.
5. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------